A.L. 168 ta' l-2001

ATT TA' L-2001 DWAR SELF LOKALI
(ATT NRU. VII TA' L-2001)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' Lm30,000,000 li l-offerta tista' tiżdied għall-ammont li ma jeċċedix Lm40,000,000 6.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2011 (It-Tieni Ħruġ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2001 dwar Self Lokali, u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm30,000,000 li jista' jiżdied għall-ammont li ma jeċċedix l-Lm40,000,000 6.25% *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:-

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

2. Kull persuna u/jew entijiet jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. Tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

3. Applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' mhux aktar minn Lm40,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm3.12,5 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fl-1 ta' Frar u fl-1 ta' Awissu ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu bejn it-2 ta' Awissu, 2001 u l-1 ta' Frar, 2002 isir fl-1 ta' Frar, 2002.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-aħħar ħlas relattiv għall-perjodu bejn 2 ta' Awissu, 2010 u l-1 ta' Frar, 2011 isir fid-data tal-fidwa l-1 ta' Frar, 2011.